minn Tonio Farrugia

## KAMPJONAT 1952-53

# Birkirkara fil-quċċata tal-Ewwel Diviżjoni

### IT-TMIEN ĠURNATA

**31-01-1953:**
**Valletta FC......................2**
**Rabat FC.........................2 H.T 1-1**
**Ref:** Flt. Sgt. John Kidd (RAF)
**Skurjaw:** o.g E. Schembri (R) 7', S. Schembri pen (V) 36', R. Proud (R) pen. 52' u F. Farrugia (V) 57'.

**VALLETTA FC:** Pawlu Montebello, Nenu 'Il-Wiżża' Mackay, Karmenu Farrugia, Joe 'Tichy' Grech, Edwin 'Dwinu' Schembri, Lewis Azzopardi, Freddie Farrugia, Ġużi 'L-Iswed' Mallia II, Salvinu Schembri, Ġużi 'Iż-Żajer' Borg, Silvio Rapinett.

**RABAT FC:** Tony Micallef, Alfie Pearson, Richard Proud, George Dalli, Ruġġieru 'Iż-Żiemel' Spiteri, Anthony Mousu', Maurice Calì-Warrington, Louis Vigar, Leli Sammut, Charlie Theuma, Vince Mallia.

**1.** Valletta ħallew barra lill-plejers Ċensu Muscat, Pawlu Vassallo u Jackie Grech mill-aħħar ħarġa li fiha kienu tilfu 3-1 kontra r-rivali Floriana.

**2.** Anthony Mousu kien akkwistat mill-Magpies mingħand Birkirkara FC flimkien ma' Ernest Chapelle fl-istaġun ta' qabel, iżda filwaqt li Chapelle rebaħ postu mill-ewwel, Mousu kull ma lagħab fl-ewwel tim Rabti kienu biss erba' partiti f'erba' kampjonati. F'dan id-debutt tiegħu mal-Magpies huwa kkommetta l penalty meta mess il-ballun b'idu.

**3.** Id-difensur Karmenu Farrugia rrritorna ma' Valletta wara sentejn ma' St. George's FC. Huwa kien akkwistat flimkien ma' Charles Zerafa li kienu t-tnejn jilagħbu mat-tieni tim ta' St. George's fit-Tieni Diviżjoni.

**4.** Lewis Vigar kien qed jiddebutta ma' Rabat wara li ġie akkwistat fost il-ġimgħa mingħand Sliema Wanderers għal Lm50. Fl-istaġun ta' qabel Vigar kien il-captain tat-tieni tim ta' Sliema fit-Tieni Diviżjoni.

**5.** Rabat FC kienu qegħdin jilagħbu mingħajr Walter Powell li kien sospiż sakemm jidher quddiem il-Bord tad-Dixxiplina tal-MFA. Huwa kien ġie rrapurtat mir-referee wara li kien prova jagħti bis-sieq lill-plejer avversarju fil-partita ta' Rabat kontra Hibernians, tas-17 ta' Jannar, 1953.

**6.** F'din l-ewwel partita tat-tieni round ġew skurjati l-ewwel penalties f'dan il-kampjonat. Matul l-ewwel round kienu ingħataw tliet penalties li kienu ġew falluti t-tlieta.

**7.** Fid-59 minuta l-plejer Maurice Calì kellu joħroġ mill-ground għal madwar ħames minuti wara li qasam rasu.



**Goal ta' Floriana skurjat minn Charles Azzopardi kontra Sliema Wanderers (1952-53)**

**01-02-1953:**
**Ħamrun Sp. FC.............1**
**St. George's FC.............0 H.T 0-0**
**Ref:** Joe M. Cassar Naudi.
Skorja: F. Borg (ĦS) 82'.

**ĦAMRUN SP. FC:** Ġużi 'Yumi' Bonnici, Salvu Azzopardi, Franz Borg, George Jones, Ġużi Zammit, Leli 'It-Tirjule' Borg, Gejtu 'Il-Haċċa' Psaila, Ġużi 'San Ġużepp' Buttigieg, Oscar Gatt, Johnnie 'Is-Sakarm' Borg, Kelinu 'Tal-Bandieri' Camilleri.

**ST.GEORGE'S FC:** Ninu Degiorgio, Ġużeppi 'Ħarrubu' Zarb, Twanny Mallia, Frans Zarb, Ġużi 'Ta'Belsen' Caruana, Peppi Delceppo, P. Bugeja, Frankie Demanuele, Nenu Bonavia, Salvu 'L-Iscotch' Scicluna, Joe 'Il-Felli' Ciantar.

**1.** St. George's FC tilfu lil Ġużi Caruana wara 21 minuta meta weġġa' u kellu joħroġ wara li ġibed muskolu. Huwa rritorna aktar tard iżda deher izappap tul il-partita.

**2.** Ħamrun Spartans irritornaw għar-rebħ wara nuqqas ta' erba' xhur. L-aħħar rebħa tagħhom kienet proprju kontra l-istess St. George's fil-partita tal-ewwel round.




Goalkeeper ta' Hamrun S., Ġużi Bonnici, jilqa' qabel ma jasal Freddie Church ta' Hibernians

# Ir-referee Clairdale jirriżenja wara li ammetta li għamel ħafna żbalji

**07-02-1953:**
**Birkirkara FC .................1**
**Sliema Wdrs...................0 H.T 1-0**
**Ref:** Joe M. Cassar Naudi.
**Skorja:** S. Sammut Tagliaferro (B) 33'.

**BIRKIRKARA FC:** Raymond Cosby, Sunny Borg Cardona, Emmanuel 'Id-Diju' Borg, Lewis Caruana, Fredu Preca, Leli 'Il-Qali' Attard, Frans 'Il-Lula' Bonnici, Kenneth Valenzia, Stephen Sammut Tagliaferro, Leli 'Il-Likku' Saliba, Ġużi 'Il-Gross' Pisani.

**SLIEMA WDRS. FC:** Lolly Rizzo, Ġużi 'Geddumu' Bonnici, Lolly 'Tal-Mitejn' Cuschieri, Ninu Calleja, Ray Edwards, Ġużi Cuschieri, Maurice Walsh, Ġużi Vassallo, Tony Nicholl, Frank Tonna, Charlie Mattocks.

**1.** Permezz ta' din il-ħames rebħa konsekuttiva Birkirkara għall-ewwel darba fl-istorja telgħu fil-quċċata tal-klassifika tal-Ewwel Diviżjoni. Għat-tielet logħba konsekuttiva wkoll huma ma sofrewx goal.

**2.** Għal darb'oħra l-isfortuna laqtet lil Ninu Calleja ta' Sliema kontra Birkirkara. Wara li fil-partita tal-ewwel round kellu joħroġ imweġġa', wara 24 minuta, u tilef it-tliet logħbiet ta' wara, f'din il-logħba tat-tieni round għal darb'oħra kellu jħalli l-ground imweġġa' għoxrin minuta mit-tmiem u tilef l-erba' logħbiet ta' wara.

**3.** Il-goal tar-rebħa skurjat minn Stephen Sammut Tagliaferro wasal wara żball tal-goalkeeper Lolly Rizzo li ħarablu ballun li deher faċli u Sammut Tagliaferro wara li ħa ftit sekondi biex ħeles minn Rizzo li pprova jwaqqgħu, skorja f'xibka vojta.

**4.** Ġurnata wara l-plejer ta' Sliema Wanderers, Maurice Walsh, iżżewweġ lis-Sinjorina Josephine Borg fil-Knisja ta' San Girgor tas-Sliema.

**08-02-1953:**
**Floriana FC.....................3**
**Hibernians FC ..............2 H.T 0-1**
**Ref:** Leslie N. Clairdale
**Skurjaw:** M. Kingston (H) pen. 10', C. Azzopardi (F) 56', L. Borg (F) 63', Lorry 'Geġiġa' Cassar (H) 75' u L. Stivala (F) 84'.

**FLORIANA FC:** Ġużi Alamango, Willie Xerri, Leli Zammit, Ġużi Bennetti, Tony Dalli, Tony Vella, Charles 'Il-Grioss' Azzopardi, Stanley Williams, Leli Stivala, Lolly Borg, Pullu 'Il-Koku' Demanuele.

**HIBERNIANS FC:** Johnnie 'Skipper' Formosa, Joe Griscti, Victor Portelli, Sunny Anastasi, Victor Formosa, Joe Vella Borg, Pawlu Cilia, Michael Kingston, Fredu Church, Jean Claude Coulon, Lorry 'Il-Geġiġa' Cassar.

**1.** Bl-iskor 2-1, Tony Dalli xejjer daqqa ta' sieq lil Fredu Church u laqtu f'rasu. Il-logħob kellu jieqaf għal ftit minuti u meta tkompla b'sorpriża għal kulħadd Dalli ma tkeċċiex!

**2.** Il-penalty skurjat minn Kingston wara għaxar minuti kien wieħed ineżistenti tant li lanqas il-plejers ta' Hibernians ma kienu ndunaw li r-referee saffar penalty favur tagħhom.

**3.** Ir-referee Leslie N. Clairdale, li kien qed jikkontrolla l-ewwel partita tiegħu, ammetta li l-partita ħarbet mill-kontroll tiegħu u rriżenja mmedjatament minn referee. Fl-ittra ta' riżenja huwa rringrazzja lil dawk kollha li ppruvaw jikkunslawh wara l-partita. Ir-riżenja ta' Clairdale ġiet milqugħa mill-Kunsill tal-MFA li fl-istess ħin wera d-diżappunt tiegħu li r-riżenja dehret fuq il-ġurnali qabel ma waslet quddiemu meta b'dan il-mod ir-referee kien anke qed jikser regolament numru 11 tar-Referees Association.

**4.** Il-goalkeeper Johnnie Formosa ta' Hibernians salva penalty mogħti minn Stanley Williams, fit-73 minuta.

**5.** Sonny Anastasi kien qed jiddebutta ma' Hibernians. Huwa




Azzjoni mill-partita bejn St. George's u St. Patrick's




Azzjoni mill-partita bejn Floriana u Sliema Wanderers

# Lolly Vella jitlef il-kumplament tal-istaġun għax ir-reġistrazzjoni tiegħu daħlet tard

kien ġie akkwistat mingħand Pietà fit-trasferimenti tas-sajf.

**6.** Hibernians kienu qed jilagħbu mingħajr John Gatt li kien sospiż mill-Bord tad-Dixxiplina sakemm jidher quddiem l-istess Bord. Huwa kien ġie rrapurtat mir-referee talli xejjer bis-sieq lill-plejer avversarju fil-partita kontra Rabat FC tas-17 ta' Jannar 1953. Wara, huwa kien ġie sospiż għal partita oħra u mmultat Lm2.

**7.** Leli Stivala kellu debutt mill-aqwa ma' Floriana meta skorja l-goal tar-rebħa sitt minuti mit-tmiem. Huwa kien ġie akkwistat minn Floriana mingħand St. George's fl-1950 iżda qatt ma kien irnexxielu jieħu postu fl-ewwel tim u kien sab post regolari fit-tieni tim tagħhom fit-Tieni Diviżjoni.

8. Hibernians lagħbu l-aħħar ħames minuti b'għaxar plejers wara li weġġagħlhom Formosa.

**KLASSIFIKA:** Birkirkara FC 12 pti.; Valletta FC u Floriana FC 11 pti.; Sliema Wdrs. FC 8 pti.; Hibernians FC 7 pti.; St. George's FC, Rabat FC u Ħamrun Sp. FC 5 pti.

**L-AQWA SKORERS:** L. Pace (Valletta FC) 7 goals; C. Azzopardi (Floriana FC) 5 goals; M. Kingston (Hibernians FC) 4 goals.

## AĦBARIJIET

Sar magħruf li l-plejer Lolly Vella ta' Floriana ma setax ikompli jilgħab f'dan il-kampjonat ma' Floriana. Dan wara li l-plejer daħal fl-Armata, fid-29 ta' Jannar, 1953, u meta Floriana daħħlu applikazzjoni għall-Form K permit ta' dan il-plejer huma ġew mgħarrfa li l-plejer ma setax jingħata l-Form K wara l-31 ta' Jannar hekk kif kien emendat, fl-1951, Regolament Nr. 34 tal-Kompetizzjoni tal-MFA. Floriana, wara kienu kitbu biex jirreġistraw lill-plejer bħala professjonali iżda anke hawn kien ser jinksier Regolament, Nr. 35, li jgħid li plejer li jkun fis-Servizz tal-Forzi tal-Majesta Tagħha ma setax ikun reġistrat bħala professjonali. Id-deċiżjoni kienet anke kkonfermata mill-FA ta' Londra fejn Floriana kienu ressqu l-ilment tagħhom.

F'Awwissu, 1953, il-plejer Lino Farrugia ta' Floriana FC kien intbagħat tliet xhur ħabs wara li nstab ħati li kien aċċetta flus biex iħalli lil Valletta FC jirbħu partita mill-kampjonat tat-Tieni Diviżjoni kontra t-tim tiegħu Floriana. Din il-partita kienet intlagħbet fit-8 ta' Marzu, 1953. Huwa kien instab ħati wkoll li avviċina lil Ritchie Sultana, plejer ieħor ta' Floriana li ħajru wkoll biex ibiegħ il-logħba. Fl-appell Farrugia kien ħareġ bi pleġġ fuq garanzija ta' Lm60.

F'partita tan-Knock-Out tat-Tielet Diviżjoni, li ntlagħbet fil-5 ta'April, 1953, it-tielet tim ta' Valletta FC għeleb lil Naxxar Lions bl-iskor ta' 10-2. Valletta kienu qed jirbħu 5-0 sal-mistrieħ bil-goals jaslu minn Micallef, Buttigieg, Pisani, Farrugia u Vassallo. Fit-tieni taqsima Farrugia u Pisani skurjaw żewġ goals kull wieħed filwaqt li Buttigieg għaqqad l-għaxra. Għal Naxxar Izzo u Cassar skurjaw il-goals. Cassar kien għad għandu 12-il sena u kien rappurtat fil-gazzetti li kien l-aħjar plejer tat-tim tiegħu.




Il-plejers ta' Floriana milqugħa mill-partitarji wara rebħa fuq Sliema W.